MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Numru 334/2009

Il-Pulizija
(Spettur Malcolm Bondin)

vs

Tony (Anthony) Abela

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 109171 M akkuzat talli:

a. fil-5 ta' Mejju 2008 ghall-habta ta' 12.15hrs fi Triq San Pietru Qormi ikkommetta serq ta' jigger ta' l-ghamla mhux maghrufa minn vettura ta' l-ghamla Kia Ceres bin-numru tar-registrazzjoni TFC 711 ghad-detriment tal-Water Service Corporation liema serq huwa kkwalifkat bil-

mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur, liema jiskori il- 2,329.37 euro;

b. kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Dr. S. Demicoli LL.D) fi 22 ta' Novembru 2007 u b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Dr. A.J. Vella LL.D) fi 2 t'April 2008.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati.

Rat l-Artikolu 261 (b) (c), 278, 279 (b) u 28 B (2) (b) tal-Kap 9.

Tiddecidi wara li qieset ic-cirkostanzi u dak li kellhom x'jghidu d –difiza u l-ufficjal prosekutur li fuq ammissjoni tieghu ssibu hati.

Tpoggih taht ordni ta' probation ghal tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 u ai termini tal-Artikolu 28B (2) (b) tal-Kap 9 testendi l-perjodu ta' prigunerija sospiza ta' xaghrejn ghall-sentejn mill-lum.

Rat l-Artikolu 24 tac-citat Kap 466 u tordna u tikkundanna lill-imputat li mhux oltre zmien sena li jispicca jiskonta l-prigunerija attwali ihallas lill-korporazzjoni tas-servizzi tal-Ilma is-somma ta' €1500.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------